# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar L-Erbgha 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 6/02**

**Numru 47**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Abdallah u Iris konjugi Al Dbeis**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn tlett mija u tmintax il-lira Maltin u hamsa u sebghin cetnezmu (Lm2318.75) rapprezentanti ammonti arretrati dovuti lill-istess socjeta attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 450433 (Dokument A) u dan wara t-talba tal-konvenuti ghall-istallazzjoni ta' linja tat-telefon (Dokument B).

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Lulju 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati Dok A u Dok B.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-6 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2318.75,0 bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Jannar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur